SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 50/K9/23

Data tal-laqgħa: 10 ta’ Jannar 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta’ filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli - Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Patricia Camilleri – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
Rita Dimech Portelli -Kunsilliera
Victor Vella – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b’Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

John Agius – Kunsillier (Inc No. 35789/23)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

50.1.01 Il-Kunsillier John Agius talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill

**50.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 49/K9/22 għall-approvazzjoni.

50.2.02 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti 49/K9/22.

50.2.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

50.2.04 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni.

50.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**50.3 Diskussjoni dwar eScotters;**

50.3.01 Fir-rigward il-laqgħa li kellha issir mas-Sur Pierre Montebello – Direttur tal-Land Transport fi ħdan Transport Malta, din ser tkun qed tiġi postposta għal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**50.4 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

50.4.01 Iċ-Ċermen spjega li:

- Saret laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill fejn ġew diskussi l-issues pendenti li l-Kunsill għandu. Fosthom każijiet hemm każ ta' persuna li qed tfittex lill-Kunsill minħabba li weġgħet fi Triq Elija Zammit. Ġie deċiż li tintbagħat ittra bl-Avukat lill-LBV il-persuna li kienet qed tagħmel ix-xogħolijiet tal-Monument ta' Ġużè Tanti minħabba li x-xogħolijiet li kien qed jagħmel ma tkomplewx.

- Il-proġett li ser ikun qiegħed isir ġewwa Triq Sant' Elija, l-Kunsill qabel li ma ssir oġġezzjoni.

- Saret il-laqgħa mas-Sur Julian Muscat is-sid tal-Happy Dayz fejn attendew iċ-Ċermen u l-Kunsillier Martin John Sultana fir-rigward l-imwejjed u siġġijiet u issues oħra. Huma qablu li jingħata permess ta' l-imwejjed u siġġijiet għal sena u jiġġedded kull sena. Huwa għandu dejjem jinforma l-Kunsill

bil-miktub qabel ma tagħlaq is-sena mill-permess. Fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet li kien ingħata, dawn għandhom jitħallsu min-naħa tiegħu minħabba li l-Kunsill m'għandux kontrol fuq il-kamera li hemm f'Xatt is-Sajjieda.

- Fir-rigward id-dawl maqtugħ f'Xatt is-Sajjieda, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dan inxtegħel dalgħodu.

- Fir-rigward il-proġett li kien qed isir ħdejn il-bir ta' napuljun fi Triq il-Kbira, ġie ssuġerit min-naħa tal-Perit li l-ħġieġ li kien imdaħħal fit-tender ma jsirx minħabba li jkun ta' periklu speċjalement meta jagħmel il-maltemp. Għaldaqstant ser inkunu qed inġibu tlett kwotazzjonijiet sabiex isir railing minflok dan il-ħġieġ sabiex jiġi evitat xi inċident. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

- Fir-rigward il-van li ser jintuża għal-anzjani, dan intbagħat lid-dipartiment tal-kuntratti għal-vetting.

- Fir-rigward il-van tal-Kunsill kellna nmorru naraw xi vannijiet li kienu qed jinbiegħu min-naħa tal-ELC iżda ma morniex. Intant ser inkunu naraw l-ispecifications għal vann sabiex jinħareġ tender.

- Ser ikun qiegħed jibdew ix-xogħolijiet mill-Malta Tourism Authority fuq l-arkati li hemm f'Xatt is-Sajjieda u ser ikunu qed jissewew is-soqfa peress li huma perikolużi.

- Ser inkunu qed nġibu kwotazzjonijiet dwar arbli ġodda tad-dawl li jridu jsiru ġewwa Triq Charles Sciberras. Dan minħabba li l-ewwel darba iridu jiġu nstallati min-naħa tal-Kunsill u wara jgħaddu id-dawl min-naħa ta' l-Enemalta.

- Inġabu għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ kwotazzjoni mingħand Cubed Turnkey Projects dwar xogħolijiet ta' ħsarat li hemm fi Triq Lapsi u bankina sfrundata fi Triq Charles Sciberras. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel ma dawn il-kwotazzjonijiet.

- Fi Triq Elija Zammit qed ikun hemm problema għal persuni li għandhom il-garaxxijiet. Dan minħabba li wara 9p.m. din tiġi żona pedonali. Għaldaqstant meta jidħlu fil-garaxxijiet qed jingħataw multa. Iċ-Ċermen spjega li ser inkunu qed niġbru lista tan-number plates tal-vetturi li jidħlu f'din iż-żona sabiex ninfurmaw lill-awtoritajiet ikkonċernati sabiex jitħallilhom aċċess għal meta jidħlu fil-garaxxijiet.

- Spjega li l-Christmas Village li sar fis-17 ta' Diċembru 2022 ġewwa l-Balluta, kien ta' suċċess.
- Ser jingħata t-tarmac fi Triq Sir Joseph Carbone din ser tingħata it-tarmac. Ser inkunu qed nissuġġerrixu lit-Transport Malta sabiex din it-triq tiġi one-way minn Telgħet Birkirkara u d-dħul jkun minn Triq Birkirkara.

- Tqajjem il-punt dwar it-traffic lights f' Telgħet Birkirkara. Is-Sur Martin Sultana għandu jipprovdi site plan ta' kif qed jiġi ssuġerit li jsiru iz-zebra crossings minħabba li tneħħew it-traffic lights filwaqt li għandu jipprovdi site plan oħra tar-railings quddiem it-Tony's Bar fejn il-Qalb ta' Ġesu' fi Pjazza Spinola u site plan oħra ta' Triq Mikielanġ Borġ għas-sinjali tat-triq u mera.

- Fir-rigward it-tender tal-vann tal-anzjani u tar-road markings qegħdin fil-proċess. Ser ikunu qed jinħarġu t-tenders tal-Bulky Refuse. Filwaqt li t-tenders tal-Parks & Gardens u s-Soft Areas ser ikunu qed jiġġeddu xahar xahar.

- Ser inkunu qed niktbu lill-ERA sabiex fi Triq William H.Prescott iżiedu kamera. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li din it-triq kienet diġa mniżżla fil-lista preċidenti li kienet intbagħatet.

- Saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar proġetti pendenti li l-Kunsill għandu.

- Iridu jsiru pjanti ġodda għal Ġnien Saver Zarb fi Triq Birkirkara. Iċ-Ċermen spjega li ser inkunu qed nġeddu b'ittra minħabba li nistgħu nitilfu l-fondi.

- Fir-rigward it-tarmac li kellu jsir ġewwa Telgħet Birkirkara in-naħa ta' isfel, ser ikunu qed jibdew ix-xogħolijiet dalwaqt.

- Il-bankina ta' Triq George P.Badger, ser inkunu qed nippruvaw ninkluduha mal-lista ta' Infrastructure Malta sabiex issir min-naħa tagħhom.

- Saret talba mingħand il-Millenium Chapel sabiex nieħdu ħsieb il-ġnien li hemm fil-Millenium Chapel. Iċ-Ċermen informa li tkellem mal-persuna l-ġdida li ħadet it-tender tal-landscaping u ser ikunu qed jieħdu ħsieba huma minflok l-ELC.

- Fir-rigward il-barriers ta' Xatt is-Sajjieda, ser isir meeting fil-11 ta' Frar 2023 mal-AIS minħabba li dawn għadhom mhumiex

jiffunzjonaw u qed issirilhom ħafna ħsara li diġa ammonta għal €1,200.

- Ser tkun qed issir quddiesa mis-sena tal-mewt tas-Segretarju Eżekuttiv Paul Spiteri. Din ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023 fil-Paroċċa ta' San Ġiljan. Ser inkunu qed ninfurmaw ukoll lill-familjari tas-Sur Spiteri.

- Spjega li l-ikla tal-Milied mar kollox sew.

**50.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

50.5.01 Il-Kunsillier Victor Vella staqsa dwar il-pjanti li hemm madwar il-promenade minn ħdejn il-Love Monument sac-City of London. Huwa ġie nfurmat li dawn qed jieħdu ħsiebhom min-naħa tal-Malta Tourism Authority. Huwa staqsa wkoll dwar id-dawl tal-Pjazza tal-Balluta minħabba li mhuwiex jixgħel. Huwa ġie nfurmat li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jitkellem mal-kuntrattur Mica Med.

50.5.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar kif taħdem is-sistema ta' l-ilmenti. Huwa ġie nfurmat jekk ikun hemm ilmenti relatati ma' entitajiet oħra nibagħatu email, filwaqt li dawn li jkunu relatati mal-Kunsill, jew tinħareġ Purchase Request Sheets inkella nibagħtu l-ħaddiem tagħna.

50.5.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt dwar it-tbattil tad-doggy bins minħabba li qed jkunu mimlijin. Iċ-Ċermen infurmaħa li ser ikunu qed ittihom in-numru tal-kuntrattur sabiex kulħadd ikun jista' jċempel dirett lill-kuntrattur. Staqsiet ukoll dwar l-iskeda ta' l-iskart minħabba li kien hemm xi postijiet ġol-lokalita' ma' rċievewhomx. Hija ġiet nfurmata li fl-uffiċċju tal-Kunsill għandna l-iskeda u kull min jixtieq jista' jiġi jieħu kopja tagħha.

50.5.04 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fil-5.30p.m.

50.5.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar: 49.5.04 u xtaq jkun jaf x'ġara. Huwa ġie nfurmat li aħna bagħtna l-email lill-Lands Authority iżda s'issa għadna ma rċievejna l-ebda risposta. Staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-ħamiem ġewwa Triq Lapsi, u talab li ninfurmaw lis-sanita jekk jistax isir xi ħaġa.

**50.6 Talbiet żgħar**

**50.6.01 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar korsijiet Lifelong Learning 2023/2024 (Inc. 35089/22);**

50.6.01.01 Din ser ikunu qed jieħdu ħsieba l-Kunsillier Martin John Sultana u l-Kunsilliera Patricia Camilleri sabiex napplikaw għaliha.

**50.6.02 Talba mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Ordni ta' Emergenza għall-konservazzjoni (Inc. 35245/22);**

50.6.02.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**50.6.03 Email mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar id-Development Planning Funds (Inc. 35401/23);**

50.6.03.01 Il-proġetti pendenti li għandu l-Kunsill huma: Taraġ Attard Kingswell, tarmac ġewwa Triq il-Qaliet, Triq Ross u Telgħet Birkirkara in-naħa ta' isfel, Ġnien Saver Zarb, Ġnien San Mark u Triq Lapsi ħdejn l-iskola.

**50.7.04** Id-Deputat Segretarju ressqet il-performance bonus tal-impjegati u tagħha għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Hija pproponiet li l-impjegati kollha jingħataw l-full performance bonus 6%. U tagħha ser ikun qiegħed jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni. Saret diskussjoni fejn kien hemm min ma' qabilx li kulħadd jingħata s-6%. Id-Deputat Segretarju talbet sabiex jissemew l-ismijiet għax mhux sew li jeħel kulħadd. Huma talbu li l-istaff jintbgħatu courses tal-customer care. Iċ-Ċermen talab u xtaqt li l-impjega li bħalissa qeda bil-*carrier break* tavża lill-Kunsill jekk hux ser titħol lura għax-xogħol. Iċ-Ċermen u id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser ikunu qed jagħmlu laqgħa ma' l-istaff. Għaldaqstant il-performance bonus għandu jerġa jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

**50.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

50.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5873 sa 5882. (Ara Appendiċi 'A')

50.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**50.9 Skeda tal-Pagamenti**

50.9.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

50.9.02 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

50.9.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah fl-approvazzjoni.

**50.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

50.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2023 fil-5.00p.m.

50.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Cher Carmen Fenech**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 27 ta' Frar 2023